MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 251/2005

**BANK OF VALLETTA PLC (C2833)**

vs

**Alfred u Maria Lourdes FENECH**

## Il-Qorti:

Rat l-att taċ-ċitazzjoni mressqa fl-14 ta' Marzu 2005 li bih is-soċjeta' attriċi wara li ppremettiet;

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratti datati 13 ta' Marzu, 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion (Dok "A" u Dok "B"), is-soċjeta' attriċi ikkonċediet faċilita' ta' *Loan* u *Overdraft* lill-konvenuti Alfred u Maria Lourdes miżżewġin Fenech;

Illi s-soċjeta’ attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenuti Alfred u Maria Lourdes miżżewġin Fenech fis-somma ta’ tmienja u sittin elf, mija u disgħa Liri Maltin u ħamsin ċenteżmu (Lm68,109.50) bilanċ għad-debitu fil-“Overdraft u Loan Accounts” ta’ Alfred u Maria Lourdes miżżewġin Fenech mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “C1 u C2”, Dok “D1”, u Dok “E1 sa E47”) flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mill-1 ta’ Diċembru, 2004 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-imsemmi kuntratti datati 13 ta’ Marzu, 2000 in atti Nutar Dottor Carmel Mangion fuq imsemmi (u hawn esebit bħala Dokument “A u B”) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Alfred u Maria Lourdes miżżewġin Fenech (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, u (b) kienu inadempjenti f’obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat u/jew (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta’ l-istess konvenuti Alfred u Maria Lourdes miżżewġin Fenech li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita’ tal-ħlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta’ attriċi u b’hekk il-konvenuti iddekadew mill-benefiċju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut sar dovut fl-intier tiegħu f’daqqa.

Illi l-konvenuti ġew interpellatti permezz ta’ ittra uffiċjali datata 27 ta’ Lulju, 2004 li kopja tagħha qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dok “F”, sabiex iħallsu d-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadampjenti.

Għaldaqstant is-soċjeta’ attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti, għaliex m’għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti datati 13 ta’ Marzu, 2000 in atti Nutar Dottor Carmel Mangion fuq imsemmi (u hawn esebit bħala Dokument “A u B”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Alfred u Maria Lourdes miżżewġin Fenech (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti, (b) kienu inadempjenti

f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess konvenuti Alfred u Maria Lourdes miżżewġin Fenech li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi.

2. Tikkundanna lil Alfred u Maria Lourdes miżżewġin Fenech jħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tmienja u sittin elf, mija u disgħa Liri Maltin u ħamsin ċenteżmu (Lm68,109.50) bilanċ għad-debitu fil-"Overdraft u Loan Accounts" ta' Alfred u Maria Lourdes Fenech mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. "C1 u C2", Dok. "D1", u "Dok. "E1 sa E47") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-1 ta' Diċembru, 2004 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 27 ta' Lulju, 2004 mibgħuta lill-konvenuti kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jiġu ppreżentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Rat in-nota tal-konvenuti ppreżentata fil-5 ta' Mejju 2005 li biha ammettew it-talba kif dedotta fiċ-ċitazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi kif dedotti fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------